# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Ġuramentat Numru 323/2019 MS*

**Salvatore Cutajar**

**Vs.**

**Leonard u Mary Carmen sive Marika konjuġi Polidano**

Illum, 18 t'Ottubru, 2024

Kawża Numru: 2

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-attur fit-28 ta' Marzu 2019 li permezz tiegħu, wara li huwa ppremetta hekk:

> Illi bejn is-snin 2000 u 2009 u f'okażżjonijiet diversi, l-esponent silef mingħand l-intimati diversi sommom ta' flus

li fit-totalita' tagħhom jammontaw għal circa mija u tnax-il elf Ewro sitt mija u tmienja u għoxrin Ewro (€112,628) kif ser jiġi ppruvat;

Illi fid-diversi okkażjonijiet il-kontendenti dejjem stipulaw illi l-kapital misluf irrid jintradd lura fi żmien speċifiku u bl-**interessi ta' tmienja fil-mija (8%)** ***per annum*** dekoribbli mill-istess data tas-self;

Illi minkejja din l-istipulazzjoni ta' imgħax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) il-veru intenzjoni tal-partijiet kienet illi s-self ikun dak ta' tnax fil-mija (12%), tant li l-interessi li kien qed iħallas l-esponent kienu kalkolati bir-rata ta' 12%, u dan kif ser jiġi debitament ippruvat. In oltre l-intimati kienu qed iżidu l-imgħax pendenti mal-kapital bilanċjali bil-konsegwenza li l-esponent kien qed iħallas, allura, imgħax fuq imgħax;

Illi din l-istess ċifra ta' imgħax, u ċioe' 8%, tinsab iskritta f'żewġ atti separati ta' kostituzzjoni ta' debitu, wieħed datat id-9 ta' Marzu 2004, atti tan-Nutar Dottor Paul Pullicino u l-ieħor datat il-25 ta' Marzu 2009, atti tan-Nutar Dottor Philip Lanfranco, liema atti jagħmlu referenza għas-self illi kien għamel l-esponent mill-intimati tul is-snin kif premess;

Illi madankollu, l-esponent xorta waqa baqa' jħallas rati ta' imgħax illi jammontaw għal 12% fuq il-kapital misluf u l-interessi miżjuda. Għaldaqstant, l-esponent umilment jikkontendi u bir-rispett jisħaq illi dak li ġie patwit ma jirifletti xejn il-qagħda reali bil-konsegwenza illi l-kuntratti ta' self li saru tul is-snin huma lkoll **atti simulati** u għandhom jiġu konsegwentement annullati;

Illi l-esponent jirrileva ulterjorment, u dan sabiex jagħti perspettiva aħjar u sħieħa lill-din l-Onorabbli Qorti tal-inġustizzja li sofra u għad isofri, illi peress illi huwa kien qed isib diffikulta biex jissalda l-ammont kollu dovut b'dawk ir-rati esorbitanti ta' imgħax li kienu qed jiġu fil-verita' saldati, ġara illi f'Novembru tas-sena 2012, l-intimati ipproċedew kontra l-esponent b'rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' qbid ta' imobbli eżekuttiv (subbasta) fuq il-fond residenzjali tiegħu numru disgħa (9), 'Verdemark Park', Triq il-Bajja, In-Naxxar (Rikors Numru 112/2012), liema proprjeta ġiet eventwalment liberata a favur tal-intimati wara offerta *animo compensandi.* Dan seħħ mikejja li kien sar ħlas ieħor mill-esponent ta' **tmenin elf Ewro (€80,000)** a favur tal-intimati fil-mori ta' dik il-proċedura. L-esponent qed jiffaċċja wkoll l-evizzjoni minn dan il-fond b'konsegwenza tar-Rikors Maħluf Nru. 403/2018 LSO deċiż nhar il-5 ta' Ġunju 2018;

Illi għalhekk l-esponent jikkontendi illi b'dak li ġara huwa sofra u għadu jsofri inġustizzja serja u gravi u tqiegħed f'pożizzjoni ta' inikwita' assoluta peress illi mhux biss huwa rodd lura dak kollu li kien dovut lill-intimati li kieku r-rata tal-imgħax kienet dik legali, iżda ħallashom in eċċess ta' dak lilhom dovut u tilef jew potenzjalment għad jitlef ukoll l-unika residenza ordinarja tiegħu u għad jispiċċa bla saqaf fuq rasu b'konsegwenza diretta tal-użura illi huwa ġie assoġġettat għaliha. Dan kollu ser jiġi ampjament ippruvat mill-esponent

l-istess attur għadda biex jitlob lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-kuntratti kollha ta' self bejn il-kontendenti, inkluż l-atti ta' kostituzzjoni ta' debitu tad-9 ta' Marzu 2004, atti tan-Nutar Paul Pullicino u dak tal-25 ta' Mejju 2009, atti tan-Nutar Philip Lanfranco huma lkoll atti simulati billi ma jiriflettux l-intenzjoni vera u proprja tal-kontendenti, li kienet self b'rata ta imgħax li teċċedi ferm dik legali u kwindi self b'użura;

2. Konsegwentement tiddikjara null u/jew tannulla dawk l-iskritturi u l-atti kollha, inkluż l-atti pubbliċi surreferiti;

3. Konsegwentement ukoll tiddikjara u tiddeċiedi illi l-atti kollha sussegwenti, inkluż dawk ġudizzjarji fosthom is-subbasta bin-numru 112/2012 u r-Rikors Maħluf Numru 403/2018 LSO deċiż nhar il-5 ta' Ġunju 2018, huma wkoll nulli u bla effett u tannulla u/jew tħassar u/jew tirrevoka l-istess.

   Bir-riżerva għall kull dannu, azzjoni kriminali, u bl-ispejjeż kontra l-intimati li huma minn issa nġunti in subizzjoni.

2. Rat ir-risposta ġuramentata preżentata mill-konvenuti fid-9 ta' Mejju 2019[1], li biha huma eċċepew hekk:

   1. Illi in linea preliminari l-esponenti jeccepixxu illi hija ta' ostakolu ghall-kawza prezenti l-eccezzjoni ta' *lis alibi pendens* a tenur tal-artikolu 792 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante illi l-oggett ta' din il-kawza hija wkoll l-oggett tal-kawza fl-istess ismijiet u cioe' 'Salvatore Cutajar -vs- Leonard Polidano et' (Rikors Guramentat Numru 42/2016) li qed tinstema' quddiem din l-Onorabbli Qorti kif

[1] A fol.10.

diversament presjeduta u li tinsab differita ghas-26 ta' Gunju, 2019.

2. Illi preliminarjament ukoll gjaldarba din il-kawza giet pprezentata minghajr giet ceduta l-imsemmija kawza fl-ismijiet 'Salvatore Cutajar -vs- Leonard Polidano et' (Rikors Guramentat Numru 42/2016) li giet ipprezentata ferm qabel il-kawza odjerna u minkejja li l-oggett taz-zewg kawzi huwa l-istess pero t-talbiet maghmula fl-imsemmija kawza u dawk maghmula fil-kawza odjerna huma differenti u distinti minn xulxin, qed tigi eccepita n-nullita' tal-kawza odjerna kemm abbazi tal-principju *electa una via non datum recursus ad alteram* u kif ukoll abbazi tal-principju li semmai ir-rikorrent ried li jipprocedi bil-kawza odjerna u mhux izjed bil-kawza fuq imsemmija illi diga qed tinstema' minn din l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta fuq l-istess oggett, huwa kellu l-ewwel u qabel xejn icedi l-imsemmija kawza u jhallas lill-esponenti l-ispejjez kollha relattivi ghall-imsemmija kawza ghaliex fin-nuqqas hua jincampa fl-ostakolu tad-dezerzjoni.

3. Illi preliminarjament ukoll l-esponenti qeghdin jeccepixxu illi l-ewwel talba maghmula mir-rikorrent Salvatore Cutajar ghar-rexissjoni tal-kuntratti kollha ta' self bejn il-kontendenti, inkluz l-atti ta' kostituzzjoni ta' debitu tad-9 ta' Marzu, 2004 in atti nutar Paul Pullicino u tal-25 ta' Mejju, 2009 in atti nutar Philip Lanfranco, liema atti kollha jirrisalu ghas-sena 2009 u qabel, hija preskritta bid-dekors ta' sentejn mid-dati rispetti li fihom saru tali atti li taghhom qed tigi mitluba r-rexissjoni, u dan a tenur tal-artikolu 1222 tal-Kodici Civili.

4. Illi wkoll it-talba maghmula mir-rikorrent sabiex jigu annullati l-atti gudizzjarji kollha intavolati mill-esponenti kontra l-istess rikorrent fosthom is-subbasta bin-numru 112/2012 u r-Rikors Mahluf Numru 403/2018 deciz fil-5 ta' Gunju, 2018 (lu linnu ma sar ebda appell) hija legalment insostenibbli u ma titax tigi milqugha.

5. Illi, sussidjarjament u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi fir-realta' l-esponenti ma hadu jew mhu qed jintentaw jiehdu xejn minghand ir-rikorrent oltre dak li huwa lecitu u permissibbli skond il-ligi u r-rikorrent qieghed jintenta din l-azzjoni sabiex jizloq mill-obbligu tieghu li jhallas lir-rikorrenti dak li huwa lilhom dovut.

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri li talvolta jistghu jigu awtorizzati minn din l-Onorabbli Qorti jekk ikun il-kaz.

3. Rat ix-xiehda u d-dokumenti miġbura, kif ukoll l-atti proċesswali fl-intier tagħhom;

4. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet;

5. Rat li l-kawża ġiet imħollija għall-udjenza tal-lum sabiex tiġi deċiża;

Ikkunsidrat:

6. Illi din hija kawża mressqa mill-attur sabiex jimpunja kuntratti ta' self konklużi bejnu u bejn il-konvenuti minħabba li dawn kienu simulati b'mod li jikkamuffaw self b'interessi anatoċistiċi bħala self b'imgħax skont il-liġi.

7. L-attur xehed li huwa kien issellef is-somma ta' Lm10,000 mingħand il-konvenuti fil-25 t'Ottubru 2000. Din però ma kinitx l-ewwel darba li ssellef flus mingħandhom[2]. Il-konvenuta fil-fatt xehdet li fid-9 t'Ottubru 2000, l-attur kien issellef Lm2,000 mingħandhom[3]. Huwa qal li s-self kien isir bi skrittura privata[4] li kienet tkun imħejjija min-Nutar Paul Pullicino, li fiha kien jissemma li l-imgħax dovut kien bir-rata ta' tmienja fil-mija fis-sena. Minkejja dan, jgħid l-attur, ir-rata tal-imgħax imħaddma bejn il-kontendenti kienet dik ta' tnax fil-mija. Kemm hu hekk, kompla jixhed l-attur, huwa kien iħallas lill-konvenuta s-somma ta' Lm600 kull sitt xhur bħala imgħax[5]. L-attur jgħid li hu kien iħallas dan l-imgħax b'mod regolari, u fl-14 ta' Frar 2002, hu kien issellef mill-ġdid mingħand il-konvenuti s-somma ulterjuri ta' Lm10,000, kif ukoll somma oħra ta' Lm6,000 fid-19 ta' Lulju 2002. L-attur eżebixxa dikjarazzjoni ffirmata minnu biss li tgħid li huwa jaqbel li jħallas erbgħa fil-mija aktar imgħaxijiet mir-rata miftehma bil-kitba dwar is-self ta' Lm6,000 meħud fl-istess jum[6]. Dikjarazzjoni simili ġiet eżebita mill-Pulizija fir-rigward tal-ewwel self li sar fil-25 t'Ottubru 2000[7], kif ukoll dawk li saru fl-14 ta' Frar 2002[8], fid-19 ta' Lulju 2002[9] u fis-7 ta' Jannar 2003[10].

[2] Ara x-xiehda tal-attur in kontro-eżami, a fol.320.
[3] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-konvenuta, a fol.328.
[4] Ara fol.171.
[5] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-attur, a fol.68.
[6] Fol.78.
[7] Fol.172.
[8] Fol.175.
[9] A fol.176.
[10] A fol.180.

Ġie eżebita wkoll dikjarazzjoni oħra datata 30 ta' Jannar 2002 li tirreferi għas-self ta' Lm2,000, li però torbot lill-attur iħallas ħamsa fil-mija aktar imgħaxijiet (minflok 4%) fuq dawk miftehma fl-iskrittura[11]. Dawn id-dokumenti ġew elevati mingħand il-konvenuti mill-Pulizija wara l-eżekuzzjoni ta' mandat ta' tfittxija maħruġ fit-18 ta' Marzu 2019[12].

8. L-attur eżebixxa wkoll riċevuti li hu jgħid li ġew iffirmati mill-konvenuti, li juru li bejn l-20 t'April 2001 u t-13 ta' Frar 2003, huwa ħallas b'kollox lill-konvenuti s-somma ta' Lm3,600 b'rabta mas-self ta' Lm10,000 li kien ħa[13]. L-attur eżebixxa wkoll riċevuta ta' Lm360, li tgħid li kienet imgħax fuq is-somma ta' Lm6,000, u li hu jgħid li hija ffirmata mill-konvenuti[14]. Il-konvenuti fix-xiehda tagħhom ukoll ikkonfermaw li f'dan il-perijodu huma rċievew mingħand l-attur is-somom imsemmija bħala imgħax[15].

9. Fid-9 ta' Marzu 2004[16], il-kontendenti ressqu fuq att ta' kostituzzjoni ta' debitu għand in-Nutar Paul Pullicino fejn l-attur ftiehem li huwa debitur tal-konvenuti fis-somma ta' Lm34,000. Fuq dan l-att, ġie mfisser li s-somma ta' Lm34,000 kienet magħmula (i) mis-somma ta' Lm10,000 mislufa fil-25 t'Ottubru 2000[17], (ii) mis-somma ta' Lm10,000 mislufa fl-14 ta' Frar 2002[18], (iii) mis-somma ta' Lm6,000 mislufa fid-19 ta' Lulju 2002[19], (iv) mis-somma ta' Lm6,000 mislufa fis-26 ta' Settembru 2002[20], u (v) mis-somma ta' Lm2,000 mislufa fis-7 ta' Jannar 2003[21]. F'kull data ta' self, jingħad li sar kuntratt fl-atti tal-istess Nutar Pullicino. L-attur jgħid li ma' dan l-ammont ġie magħġun ammont ieħor ta' Lm5,040 li kien imgħax akkumulat, biex b'hekk dan ġie kapitalizzat u beda jipproduċi mgħaxijiet oħrajn. L-attur xehed illi għalkemm dan l-att pubbliku kien jgħid li l-imgħax kellu jkun bit-tmienja fil-mija fis-sena, xorta baqgħet titħaddem ir-rata ta' tnax fil-mija fis-sena[22]. F'din l-istess okkażjoni, l-attur ikkostitwixxa wkoll ipoteka speċjali fuq il-fond bin-numru erbatax fi Triq San Ġużepp f'Kirkop. B'att

[11] Ara fol.179.
[12] Ara x-xiehda tal-Ispettur Claire Borg, a fol.137.
[13] Fol.72-77.
[14] Fol.79.
[15] Ara fol.328-329.
[16] Ara fol.80.
[17] Ara fol.171.
[18] Ara fol.173.
[19] Ara fol.183.
[20] Ara fol.177.
[21] Ara fol.181.
[22] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-attur, a fol.69.

pubbliku ieħor tal-25 ta' April 2005[23], dan il-fond ġie sostitwit bl-appartament internament numerat disgħa, formanti parti mill-binja magħrufa bħala "Verdemar Park" fi Triq il-Bajja is-Salina fil-limiti tan-Naxxar.

10. Wara li sar dan il-kuntratt, u bejn il-perijodu 25 t'April 2004 u l-25 t'Ottubru 2008, l-attur jgħid li għamel diversi ħlasijiet fl-ammont ta' €79,844, u jeżebixxi riċevuti[24] li hu jgħid li ġew iffirmati mill-konvenuti jew mill-konvenuta weħidha. Matul dan l-istess perijodu, bi skrittura privata tas-6 ta' Lulju 2005[25], l-attur issellef mingħand il-konvenuti s-somma ta' Lm3,000, li huwa ntrabat li jħallas lura fi żmien sena.

11. Jirriżulta li l-attur reġgħa ssellef somma oħra fl-ammont ta' €6,990 mingħand il-konvenuti bi skrittura privata tal-25 ta' Ġunju 2008[26]. Fuq l-istess skrittura hemm dikjarazzjoni li tgħid li l-attur ħallas is-somma ta' €7,000 lura mingħajr imgħax fis-7 t'Ottubru 2008.

12. L-attur xehed li huwa baqa' dejjem iħallas l-imgħax bir-rata ta' tnax fil-mija, sakemm fil-25 ta' Mejju 2009[27] resaq mill-ġdid għall-pubblikazzjoni ta' kuntratt ieħor ta' kostituzzjoni ta' debitu, li din id-darba sar fl-atti tan-Nutar Philip Lanfranco, li fih tniżżel li l-attur kien issellef somma ulterjuri ta' €21,689 b'żieda mal-kapital imsemmi fl-atti preċedenti. Għalhekk il-partijiet qablu li l-ammont totali dovut mill-attur lill-konvenuti kien fis-somma ta' €112,628, liema somma kellha titħallas fi żmien sentejn.

13. Dan it-terminu ta' sentejn għadda, u l-konvenuti pproċedew b'subbasta għall-bejgħ tal-immobbli mgħobbi bl-ipoteka speċjali li kienet konċessa mill-attur. Din is-subbasta kellha n-numru progressiv 112/2012. L-attur jgħid li biex jevita li jitlef ħwejġu, huwa resaq għal skrittura privata mal-konvenuti fid-9 t'Awwissu 2013[28], li permezz tagħha huwa ħallas is-somma ta' €80,000, u l-konvenuti ntrabtu li jissospendu s-subbasta għall-perijodu ta' sena. F'din l-istess skrittura privata, tniżżel ukoll li l-attur kien baqgħalu jħallas lill-konvenuti s-somma ta' €92,937, kompriżi l-imgħaxijiet. L-attur isostni li

[23] Fol.94.
[24] Fol.88-93.
[25] Ara fol.213.
[26] Fol.200.
[27] Fol.97.
[28] Fol.99.

meta tgħodd din is-somma mal-ammont imħallas minnu, jirriżulta ammont ferm u ferm ogħla minn dak miftiehem fil-kostituzzjoni ta' debitu[29]. L-attur jeżebixxi wkoll dokument b'somom maħduma bl-idejn li hu jgħid saret mill-avukat tal-konvenuti u li skont hu turi kalkolazzjonijiet t'imgħax bir-rata ta' 12%[30].

14. Peress li l-attur baqa' ma ħallasx, il-konvenuti ssoktaw bis-subbasta preċitata u b'hekk kisbu l-liberazzjoni favur tagħhom tal-proprjetà tal-attur *animo compensandi*. Minkejja dan, l-attur baqa' jgħix fil-proprjetà liberata sakemm ġie mkeċċi mill-konvenuti b'sentenza mogħtija fil-5 ta' Ġunju 2018[31] wara li mexxew kontrih b'rikors ġuramentat bin-numru 403/2018 LSO, fl-ismijiet inversi. Meta l-konvenuti ġew biex jeżegwixxu din is-sentenza, l-attur ipproċeda b'din il-kawża u kiseb is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-mandat ta' żgumbrament permezz ta' dikriet kamerali mogħti fl-atti tal-mandat ta' żgumbrament bin-numru 442/2019[32]. L-attur kien anki ressaq rapport dwar il-konvenuti lill-Pulizija fit-18 ta' Marzu 2019[33]. Il-Pulizija ma pproċedewx bl-azzjoni penali fuq parir tal-Avukat Ġenerali li din l-azzjoni kienet preskritta.

15. L-attur jgħid ukoll li huwa mhux talli ħallas kollox lura lill-konvenuti, iżda talli ħallas żejjed is-somma ta' €43,439. Huwa wasal għal din is-somma bis-saħħa ta' rapport imħejji mill-kontabbli Adrian Miller, li huwa nkariga appożitament għall-iskop ta' dawn il-proċeduri. Il-konvenuti min-naħa tagħhom sostnew li huma qatt ma ġiegħlu lill-attur iħallas imgħax b'rata ogħla minn dik permessa mil-liġi, iżda jekk hu ħallas aktar dan sar għaliex ried hu[34]. Il-konvenuta, li kienet tieħu ħsieb hi s-self li kien isir lill-attur, xehdet ukoll li dwar l-imgħax huma dejjem ħallew f'idejn l-attur. Qalet: «*Dejjem ħallejna f'idejh; meta kienet tiġih tajba kien iħallili u meta ma kinietx tiġih tajba ma kienx iħalli*»[35].

16. Jirriżulta li l-attur kien, qabel mexxa din il-kawża, diġà ipproċeda kontra l-konvenuti odjerni permezz tar-rikors ġuramentat bin-numru 42/2016 fl-istess ismijiet[36], li bih

[29] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-attur, a fol.70.
[30] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-attur a fol.70, kif ukoll id-dokument innifsu a fol.101.
[31] A fol.102.
[32] A fol.111.
[33] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-attur, a fol.70-71, kif ukoll fol.112. Ara wkoll ix-xiehda tal-Ispettur Claire Borg, a fol.137.
[34] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-konvenuta, a fol.331-332, u x-xiehda bl-affidavit tal-konvenut, a fol.338.
[35] Fol.370.
[36] Kopja legali tiegħu hija eżebita a fol.15.

huwa talab dikjarazzjoni li l-imgħax li huwa kien ħallas u qed iħallas lill-konvenuti kien ogħla minn dak permess mil-liġi, u konsegwentement talab ukoll il-likwidazzjoni tal-imgħax imħallas żejjed minnu u r-rifużjoni tiegħu mingħand il-konvenuti. Din il-kawża ġiet ċeduta mill-attur fit-22 t'Ottubru 2020 «*sabiex jirregola ruħu aħjar u bir-riżerva li jerġa jintavolaha fil-futur*».

Ikkunsidrat:

17. Illi hekk kif esposti l-fatti tal-każ, imiss issa li l-Qorti tgħaddi biex tqis l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li jimmeritaw trattazzjoni separata mill-meritu nnifsu.

18. L-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti hija dik ta' *lis alibi pendens*, u hija marbuta mal-kawża bin-numru 42/2016. Kif diġà ngħad, dik il-kawża ġiet ċeduta mill-attur fit-22 t'Ottubru 2020, u konsegwentement l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti ma tistax tirnexxi, la darba din tinneċessita l-eżistenza ta' kawża oħra bejn l-istess partijiet bl-istess oġġett u *causa petendi*.

19. Għalhekk l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti hija miċħuda.

Ikkunsidrat:

20. Illi t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti hija bażata fuq il-prinċipju ta' *electa una via non datur recursus ad alteram*, u wkoll issib il-bażi tagħha fuq il-kawża bin-numru 42/2016.

21. Dan il-prinċipju, li huwa mnissel mill-ġuristi rumani, hu mibni fuq il-ħsieb li meta persuna tagħżel rimedju miftuħ għaliha, hija ma tkunx tista' sussegwentement tappilja ruħha ma' xi rimedju ieħor li seta' kellha, billi dan ikun ġie estint mal-għażla tagħha. Fil-perjodu tad-Dritt modern, diversi ġuristi kienu ttemperaw dan il-prinċipju fis-sens illi l-għażla ta' rimedju wieħed testingwi kull rimedju ieħor alternattiv <u>biss</u> fejn ir-rimedju magħżul ikun inkompatibbli mar-rimedji l-oħrajn disponibbli. Dan fis-sens illi persuna setgħet tagħżel li taġixxi għall-eżekuzzjoni ta' obbligazzjoni b'azzjoni waħda, biex imbagħad iċċedi jew tirrinunzja għal dik l-azzjoni u tressaq azzjoni oħra għax-xoljiment, b'dan li anke f'tali ċirkostanza, iż-żewġ azzjonijiet ma jistgħux jikkoeżistu

u waħda minnhom trid tiġi rtirata[37]. Il-ġurisprudenza tagħna qieset illi din il-bidla fl-għażla ta' l-azzjoni tista' biss issir sakemm ma jintervjenix ġudikat fuq waħda mill-azzjonijiet[38]:

> Illi l-prinċipju tal-"Electa una via", li mhux miktub f'termini ġenerali u pożittivi f'ebda liġi, sew antika sew ġdida, ġie mill-interpreti tad-Dritt Ruman affermat bħala konsegwenza ta' ħafna testi partikulari, li kienu assumewh bħala regola ta' dak li kien ġie dispost minnhom. Skond dawn l-istess testi differenti, dawk li nterpretaw l-istess Dritt Ruman ħolqu l-prinċipju li fil-konkors alternattiv ta' ħafna azzjonijiet, l-eżerċizzju ta' waħda minnhom tolqot u testingwi l-azzjonijiet l-oħra. Infatti, il-Brunemann, fl-opra tiegħu "Commentarius in Codicem", meta jitkellem fuq il-"Lex Manifestissimi", numru 22, taħt il-kap u titolu "De furtis et servo corrupto" (ara Tomo Primus, paġ. 716 u 717, para. 5, edizzjoni Laurenti ex typis Fratrum Rossi sumptibus editorum, 1839) isostni :- "In concorsu actionem alternativarum, si actio semel in judicium est deducta, statim submovetur altera" (ara wkoll Helliġ, in Donell lib. 21, c. 3, lit. D);
>
> …
>
> Issa, f'din il-materja hu ġeneralment ammess li l-fatt li l-kontraent jaġixxi, l-ewwel, għall-eżekuzzjoni, ma jipprekludiehx li, mbgħad, jippromwovi l-istanza għar-riżoluzzjoni; u vice versa. Għalkemm f'ċerti każijiet l-inkompatibilità bejn domanda u oħra tista' ġġib ir-reċess minn waħda minnhom (Kollezz. Vol. VI, p.316), eppure, f'dan il-każ ta' inadempjenza il-maġġoranza tal-awturi ma ssibx din l-inkompatibilità, bħala massima. Jgħid il-Giorgi (Teor. Obbligaz. Vol.IV, p.246) :- "Quantunque il diritto romano in tema di patto commissorio esplicito decidesse che 'electa una via non datur recursus ad alteram', oggi giorno dottrina e giurisprudenza vanno quasi unanimemente in contraria sentenza, tanto nel senso che possa sperimentarsi l'azione risolutoria dopo aver già domandato l'adempimento del contratto, quanto nel senso che possa domandarsi l'adempimento dopo aver chiesto la risoluzione";
>
> Dan l-awtur jiċċita in nota diversi skritturi awtorevoli li huma ta' din l-opinjoni, għalkemm hemm xi uħud kuntrarji;

[37] Ara ***Ricci***, Corso Teorico Pratico di Diritto Civile, Vol.VI, §123.
[38] ***Emmanuele Scicluna vs. Avukat Dr. Spiridione Camilleri noe***, Appell, 19/1/1959 – Kollezz. Vol.XLIII.i.55.

> Kwantu għall-ġurisprudenza, ara wkoll f'dan is-sens, ċjoè konformi għall-maġġoranza tal-awturi, Fadda (loc. cit. para. 890, 891, 896 u oħrajn);
>
> Iżda d-dottrina u l-ġurisprudenza huma wkoll konkordi li ma hemmx lok aktar għal din ix-xelta, ossia ozzjoni, tal-kontraent, jekk fuq l-azzjoni l-ewwel magħżula 'jkun intervjena ġudikat favorevoli għalieh bejnu u l-kontraent l-ieħor; għax allura jidħol l-element tal-preġudizzju tal-kontraent l-ieħor, in kwantu dan jitlef il-pożizzjoni stabilita bil-ġudikat (ara, kwantu għall-preġudizzju tal-kontraent l-ieħor, Vol. IV, p.64 in fondo, Kollez.). L-ozzjoni, għalhekk, hemm lok għaliha waqt li l-kawża tal-ewwel tkun għadha miexja, imma mhux wara li tkun ġiet maqtugħa b'sentenza li tkun għaddiet ġudikat. 'Alla domanda iniziale di esecuzione del contratto contro la parte inadempiente può sempre sostituirsi in progresso di causa la domanda di risoluzione' (para. 892 Fadda, loc. cit.). U fis-sentenzi ċitati fil-para. 905 u 911, ibidem, jingħad li 'basta ma jkunx intervjena ġudikat, u basta li l-ewwel azzjoni ma tkunx eżawrita' (para.915)

22. Issa fil-każ odjern, il-kawża bin-numru 42/2016 ġiet irtirata mill-attur, u b'hekk m'hemm l-ebda ġudikat li jikkristallizza l-pożizzjoni tal-attur. Barra minn hekk, il-Qorti ma tara xejn radikalment kontradittorju bejn iż-żewġ azzonijiet – entrambi kienu bażati fuq il-premessa li bejn il-kontendenti kien hemm self bl-użura. Fl-ewwel kawża, l-attur talab bħala rimedju li jiġi rifuż il-flus li huwa ħallas żejjed lill-konvenuti, filwaqt li fit-tieni kawża, huwa jrid li l-Qorti tiddikjara nulli l-kuntratti nnifishom kif ukoll il-proċeduri li l-konvenuti mexxew kontrih abbażi tal-istess kuntratti. Iż-żewġ xorta ta' rimedji m'humiex neċessarjament esklussivi. Dan mhux każ fejn l-attur b'azzjoni waħda qed jitlob it-twettiq t'obbligazzjoni filwaqt li b'azzjoni oħra jrid ix-xoljiment tagħha – f'kull azzjoni minnu ntentata l-attur qed jitlob l-applikazzjoni tal-konsegwenzi li skont hu jiskaturixxu minn self b'użura, u għalhekk ma tissussistix il-kontradittorjetà sollevata mill-konvenuti.

23. Għalhekk din l-eċċezzjoni hija wkoll miċħuda.

Ikkunsidrat:

24. Illi bit-tielet eċċezzjoni tagħhom, il-konvenuti jsostnu li l-ewwel talba tal-attur għar-rexxissjoni hija preskritta bl-artikolu 1222 tal-Kodiċi Ċivili.

25. L-artikolu 1222 jgħid:

> 1222. (1) Meta l-liġi f'xi każ partikolari ma tistabbilixxix żmien aqsar, l-azzjoni għar-rexxissjoni minħabba vjolenza, żball, għemil doluż, stat ta' interdizzjoni, jew nuqqas ta' età, taqa' bil-preskrizzjoni egħluq sentejn.
> (2) Dan igħodd ukoll għar-rexxissjoni ta' obbligazzjonijiet mingħajr kawża, jew magħmulin fuq kawża falza.

26. Il-preskrizzjoni eċċepita manifestament ma tgħoddx għall-azzjoni proposta mill-attur. Ir-raġunijiet miġjuba mill-attur fir-rikors ġuramentat tiegħu jirrivolvu madwar l-illeċità tal-*causa* tal-kuntratti minnu mpunjati, peress li skont hu dawn jikkamuffaw self bl-użura bħala self legali.

27. Il-*causa* illeċita hija dik li tkun «*...pprojbita mil-liġi jew kuntrarju għall-għemil xieraq jew għall-ordni pubbliku u l-konvenzjoni hija kontra l-ordni pubbliku meta hija kontra l-interess ġenerali*»[39]. Issa fejn kuntratt hu milqut minn *causa* illeċita, l-istess kuntratt jitqies null u bla effett b'mod assolut, u b'hekk ma jistax jiġi sanat bil-mogħdija taż-żmien in kwantu *quod nullum est non potest tractu temporis convalescere.* Dan kif ukoll ġie ritenut fid-deċiżjoni ***Joseph Peplow vs Ferdinando Galea*** (Appell Superjuri, 7/3/1955)[40]:

> …l-obligazzjoni għall-imgħax għola minn dik ir-rata ma jista' jkollha ebda effett u għalhekk hija inesistenti u nulla b'mod assolut (App. Ċiv. 18 ta' Gunju 1945 in re "Bellia vs Zammit", Kollez. XXXII-I-263). B'sentenza oħra ta' din il-Qorti tat-18 ta' Novembru 1914 in re "Marmara vs Caruana" (Kollez. Vol. XXII-II-193), ġie ritenut li "nessun atto, per quanto liberamente consentito e talora ripetuto, e nessun periodo di tempo, per lungo che sia, possono valere a dare efficacia ad una obligazione proibita per ragione di ordine pubblico";
>
> Ikkunsidrat;
>
> Illi trattandosi fil-każ in eżami ta' obbligazzjoni ineżistenti, skond il-pretensjoni tal-attur, hemm lok li jiġi eżaminat jekk

[39] ***Perit Raymond Vassallo vs Anthony Cuschieri et*** (Appell Superjuri, 14/11/1996 – Kollezz. Vol.LXXX.ii,986).
[40] Kollezz. Vol.XXXIX.i.366.

> l-azzjoni relattiva tistgħax tiġi preskritta. Dan il-pont ġie reżolut f'sens negattiv b'sentenza ta' din il-Qorti ta' l-4 ta' Marzu 1938 in re "Lia vs. Genovese" (Kollez. Vol.XXX, parte I, paġ. 103), b'riferenza għal sentenza oħra ta' dawn il-Qrati, u b'ċitazzjoni ta' diversi awtorità;
>
> Is-sentenzi hemm ċitati huma dik ta' din il-Qorti tas-6 ta' Novembru, 1876 in re "Psaila vs Psaila" (Kollez. Vol. VII, pag. 635), li rriteniet "che non è applicabile al caso la prescrizione di cinque anni contemplata nell'articolo 932 dell'Ordinanza no. VII del 1868 (il-lum 1268) perchè in quell'articolo si tratta di rescissione di una obbligazione, e nel presente caso, stante la detta nullità assoluta, non vi è stata alcun obbligazione".

28. Għalhekk ukoll il-preskrizzjoni eċċepita mhux fondata. F'kull każ, u anki kieku stess wieħed kellu jħares lejn l-azzjoni tal-attur bħala azzjoni ta' simulazzjoni lil'hinn mill-premessa ewlenija tagħha li hija radikata fuq il-pretensjoni li n-negozju ġuridiku intier ta' bejn il-kontendenti huwa milqut minn *causa* illeċita, jgħodd dak ritenut fil-ġurisprudenza li l-azzjonijiet ta' simulazzjoni ma jaqgħux taħt il-preskrizzjoni eċċepita mill-konvenuti. Fid-deċiżjoni ***Saveria Sciortino et vs. Carmelo Micallef*** (Prim'Awla, 5/6/1959)[41] ġie deċiż li:

> Illi, jekk anki fil-każ tirrikorri simulazzjoni (ħaġa li tifforma oġġett tal-meritu tal-kawża), huwa magħruf illi s-simulazzjoni hija forma ta' frodi, u bħala tali taqa' taħt is-sanzjoni ta' l-"actio pauliana" (Kollez.XXX-III-452; XXXII-II-392); u kwindi l-preskrizzjoni tibqa' dejjem dik ta' tletin sena (Kollez.XXXVI-II-550)[42]

29. Din l-eċċezzjoni għalhekk hija respinta wkoll.

Ikkunsidrat:

30. Niġu issa biex inqisu l-meritu.

31. Il-Qorti tibda billi tosserva li ġuridikament huwa kkunsidrat li s-simulazzjoni tirriżulta «*quando siavi contradizione deliberata tra l'atto interno del volere e la sua*

---

[41] Kollezz. XLIII.ii.748.

[42] Ara ukoll ***Emanuela Case vs Avukat Dottor Carmelo Agius noe*** (Prim'Awla, 23/6/1964 – Kollezz. Vol.XLVIII.ii.1063).

*manifestazione esteriore. Questo vizio dunque offende nel medesimo tempo l'elemento interno e l'elemento esterno del consenso, e fa che scompagnati l'uno dall'altro non rispondano più alla verità*»[43]. Fl-istess sens ġie miżmum fid-deċiżjoni ***Francesco Teuma vs. Luigi Camilleri ed altri*** (Kummerċ, 1/10/1884)[44]: «*a poter dedursi l'invalidità dell'atto è necessario che risulti chiaro, che ciò che si contrattava non era la verità, ma una simulazione, cioè* fictio seu ostensio falsi pro vero*; anche la difficoltà riducesi a questioni di fatto, indagando, a poter decidere, non su ciò che fu scritto* non quod scriptum sed quod gestum *coerentemente alla massima* acta simulata substantiam mutare non possunt».

32. ***Giorgi*** jkompli jfisser li s-simulazzjoni tiġi distinta f'żewġ xorti:

> Il contratto poi è *assolutamente* simulato, quando le parti non vollero concludere in realtà verun negozio giuridico (*colorem habens substantiam vero nullam*). È al contrario infetto da simulazione *relativa*, quando le parti intesero contrarre un vincolo giuridico diverso da quel che suonano le parole (*colorem habens substantiam vero alteram*).[45]

33. Bħala prinċipju ġenerali, huwa miżmum li l-atti simulat b'mod assolut għandu jiġi ddikjarat bħala null kompletament, billi huwa att fir-realtà nieqes minn dawk l-elementi neċessarji biex jagħtuh sostanza u ħajja. Fir-rigward tal-atti simulati b'mod relattiv, il-prinċipju ġenerali hu li dawn l-atti għandhom jingħataw validità għal dak li huwa l-kontenut reali tagħhom. Hekk, per eżempju, kuntratt ta' donazzjoni simulat bħala kuntratt ta' bejgħ għandu jiġi mogħti l-apparenza reali tiegħu, u mhux jitqies ineżistenti. Dan il-prinċipju, li fid-dritt Ruman kien imsejjaħ *plus valet quod agitur, quam quod simulate concipitur*, isib però deroga fejn is-simulazzjoni tkun illeċita[46]. «*L'atto in frode alla legge è un atto intrinsecamente vero, tale cioè che risponde alla intenzione delle parti, ch'è quella di volere realmente ciò che hanno manifestato di fare. Però non potendo essere ad alcuno permesso di eludere o far frode alle norme cogenti, deriva da tale enunciato che l'atto si rimanga inefficace ed invalido, perchè, sotto tale rispetto,*

---

[43] ***Giorgi***, Teoria delle Obbligazioni, Vol.IV, §158.
[44] Kollezz. Vol.X.912.
[45] Ara wkoll f'dan is-sens ***Prof. Carlo Oreste Strocco vs. Pietro Baldassare Contini et*** (Prim'Awla, 8/11/1952 – Kollezz. Vol.XXXVI.ii.550).
[46] «*Mentre però questa regola riceve la più illimitata applicazione nella simulazione lecita, perchè non produce danno a nessuno, quando si tratta invece di simulazione fraudolenta, cede il posto all'altra regola non meno giusta e di buon senso, che la frode non merita mai la protezione della legge*» (***Giorgi***, op cit, §159).

*lo è a ravvisarsi come originante da causa illecita, incapace di produrre qualsiasi vincolo obbligatorio*»[47].

34. Is-simulazzjoni trid tiġi ippruvata minn min jallegaha, u hija ammissibbli l-prova testimonjali billi għall-każ ma japplikax il-prinċipju *contra testimonium scriptum, testimonium non scriptum non feritur*. Fil-fatt dwar dan il-prinċipju fid-deċiżjoni ***Carmelo Morana vs. Nutar Dr Joseph Spiteri et*** (Appell Superjuri, 26/5/1952)[48] intqal:

> Il-prinċipji li jirregolaw din il-materja skond il-ġurisprudenza l-aktar reċenti huma dawn li ġejjin:-
> 1. Meta l-kontraenti jinkorporaw fi skrittura l-ftehim ta' bejniethom, għandu jiġi preżunt li dak li riedu jiftehmu fuqu niżżluh f'dik l-iskrittura. Għalhekk m'għandux ikun leċitu li wieħed mill-kontraenti jdaħħal f'dak il-ftehim klawsoli oħra li mill-kitba ma jirriżultawx, jekk ma jkunux klawsoli sekondarji li jkunu qiegħdin ifissru jew jiċċaraw il-klawsoli prinċipali (Appell 31 ta' Mejju 1943, in re "Farrugia vs. Piscopo", Kollez. Vol. XXXI, parti I, paġ. 627);
> 2. Għalkemm huwa veru li provi orali jistgħu jiġu ammessi biex jiġu diluċidati punti oskuri ta' kitba, jew f'każi ta' impunjazzjoni ta' dik il-kitba, iżda l-provi orali mhumiex ammissibili biex ifissru dak li fih innifsu huwa diġà ċar (Appell 26 ta' Mejju 1941, in re "Attard vs. Mamo", Kollez. Vol.XXXI, parti I, paġ. 441);
> 3. Ir-regola li kontra l-prova miktuba ma tistax tiġi ammessa prova testimonjali mhix applikabili meta l-prova tiġi offerta biex tiġi mfissra aħjar l-intenzjoni tal-kontraenti li tkun espressa b'mod ambigwu jew oskur, jew meta jrid jiġi pruvat xi fatt inċidentali jew aċċessorju li jkun konċiljabbli ma' l-att (App. 17 ta' Jannar 1917, in re "Muscat vs. Fiteni", Kollez. Vol.XXIII-I-870; Prim'Awla 27 ta' Jannar 1937 in re "Mifsud vs. Mifsud", Kollez. Vol.XXIX-II-1203; u Appell 20 ta' Jannar 1930 in re "Rizzo vs. Anastasi");
> 4. Il-prinċipju "contra testimonium scriptum testimonium non scriptum non fertur" jibqa' jseħħ sakemm il-Qorti ma tkunx persważa illi hemm żball fil-kuntratt, jew li tħalla barra xi patt għal xi raġuni speċjali;
>
> F'dawn il-każijiet il-prinċipji bażati fuq il-ġustizzja u l-ekwità għandhom ikunu supremi (Appell 15 ta' Diċembru 1947 in re "Mercieca vs. Pace", Kollez. Vol. XXXIII, parti I, paġ. 603).

[47] ***Butera***, Della Simulazione nei Negozi Giuridici e degli Atti "in Fraudem Legis" (UTET, 1936), §56.
[48] Kollezz. Vol.XXXVI.i.119.

35. Prinċipji dawn li għadhom isibu applikazzjoni fil-ġurisprudenza moderna (ara ***Rosario Cortis vs. Angelo Farrugia et,*** Appell Superjuri, 10/10/2023).

36. Mill-provi eżebiti, kemm dawk dokumentarji u kemm dawk testimonjali, jirriżulta lil din il-Qorti li l-attur issellef f'diversi okkażjonijiet flus mingħand il-konvenuti. Il-mod kif kien jopera l-attur ma kienx l-aktar konduċenti għal wirja ċara ta' kif żvolġa ruħu n-negozju bejn il-kontendenti. Jidher li saru diversi skritturi privati li lanqas ġew eżebiti mill-attur, u ġew eżebiti biss mill-Pulizija li elevaw l-istess mingħand il-konvenuti wara rapport magħmul mill-attur. Dawn id-diversi mutwi magħmula permezz ta' skritturi privati ġew eventwalment inkorporati f'att pubbliku wieħed ta' kostituzzjoni ta' debitu, li mbagħad ġie segwit b'mutwi oħrajn u b'atti ta' kostituzzjoni ta' debitu oħrajn.

37. Il-Qorti waslet madanakollu għall-konvinċiment li l-ftehim bejn il-kontendenti tassew kien jinkorpora fih patt dwar imgħax in eċċess ta' dak li l-liġi tippermetti permezz tal-artikolu 1852(1) tal-Kodiċi Ċivili, u jidhrilha li tista' telenka l-fatti li wassluha għal dan il-konvinċiment kif ġej:

- jirriżulta paċifiku li wara s-self ta' Lm10,000 li sar lill-attur fil-25 t'Ottubru 2000, huwa kien iħallas pagamenti ta' Lm600 kull sitt xhur b'lura. Il-kontendenti lkoll jaqblu li l-attur qatt ma ħallas xejn mill-kapital li proprju jfisser allura li dawn il-ħlasijiet kienu għall-imgħax, li matematikament jeċċedi l-limitu mpost mil-liġi;
- il-konvenuta biss issemmi li kien hemm self ta' Lm2,000 ieħor li ppreċeda dak tal-25 t'Ottubru 2000, iżda anki jekk wieħed iqis dan is-self, jirriżulta li l-imgħax imħallas kien eċċessiv. F'kull każ, fuq l-irċevuti tal-ħlas kien jinkiteb li l-ħlas tal-imgħax kien qed isir biss b'rabta mas-self ta' Lm10,000;
- wara kull self, kienet issir kitba oħra li kienet tiġi ffirmata mill-attur biss li biha huwa jintrabat li jħallas imgħaxijiet in eċċess tar-rata ta' tmienja fil-mija fis-sena. Dawn il-kitbiet l-oħra kienu fil-pussess tal-konvenuti, tant li sabu ruħhom f'dawn l-atti għaliex ġew eżebiti mill-Ispettur Borg wara li dawn il-kitbiet, u dokumenti oħra, ġew elevati mingħand il-konvenuti wara tfittxija magħmula mill-Pulizija fil-proprjetà tagħhom;
- il-fatt li l-ħlasijiet magħmula mill-attur kienu qed jiġu attribwiti għall-imgħax biss, u qatt kontra l-kapital, huwa wkoll sostnut mill-fatt li f'diversi

kostituzzjonijiet ta' debitu li saru bejn il-kontendenti, il-kapital baqa' dejjem jiġi muri bħala wieħed sħiħ;

- mill-mod kif xehdu l-konvenuti, li b'diżinġenwità riedu jipperswadu lill-Qorti li huma qatt ma eżiġew ebda imgħax u ħallew f'idejn l-attur li jħallas kemm irid, kompriż imgħax ogħla minn dak permissibbli mil-liġi. Il-Qorti tqis din ix-xiehda tal-konvenuti inverosimili, u anzi jidhrilha li l-fatt li l-konvenuti kellhom fil-pussess tagħhom dikjarazzjonijiet iffirmati mill-attur biss dwar ħlas t'imgħax lil'hinn mir-rata ta' 8% huwa sintomatiku ta' ftehim aktar wiesgħa li bih il-konvenuti, bil-parteċipazzjoni tal-attur, ftehmu fuq dawn l-imgħaxijiet eċċessivi u li għalhekk dan il-ftehim kien parti intrinsika min-negozju kollu.

38. Il-Qorti għalhekk qed tasal għall-konklużjoni li bejn il-kontendenti tassew li kien hemm ftehim dwar imgħax eċċessiv. Jonqos għalhekk li l-Qorti issa tikkonsidra x'inhuma l-konsegwenzi legali ta' dan il-ftehim illeċitu. Konsiderazzjonijiet li neċessarjament iridu jqisu dak li jipprovdi l-artikolu 987 tal-Kodiċi Ċivili:

> 987. L-obbligazzjoni mingħajr kawża, jew magħmula fuq kawża falza jew illeċita, m'għandha ebda effett.

kif ukoll dak li jipprovdu l-artikoli 1852 u 1853 tal-istess Kodiċi:

> 1852. (1) L-imgħax ma jistax jaqbeż it-tmienja fil-mija fis-sena.
> (2) L-imgħax miftiehem f'iżjed minn daqshekk jiġi mnaqqas sal-limiti hawn fuq imsemmija.
> (3) Jekk ikun ġie mħallas imgħax iżjed minn dak li tagħti l-liġi, iż-żejjed jinqata' mill-kapital.
>
> 1853. Kull kuntratt, taħt kull isem li jkun, magħmul b'qerq tad-dispożizzjonijiet tal-aħħar artikolu qabel dan, jista' jitħassar; u f'dan il-każ, jekk il-ħwejjeġ mislufa ma jistgħux jiġu mogħtija lura, il-kreditur jista' jitlob biss il-ħlas tal-valur tagħhom fiż-żmien li hu kkunsinnahom lid-debitur.

39. Fi kliem ieħor, ftehim dwar imgħaxijiet eċċessivi jagħti lok għan-nullità assoluta ta' dak il-ftehim jew inkella għall-jedd tal-mutwatarju li jitlob lura dak imħallas żejjed minnu?

40. Fid-deċiżjoni ***Antonio Xuereb vs. Maria vedova Leone*** (Prim'Awla, 19/1/1864)[49], il-Qorti kienet laqgħet talba għall-ħlas lura ta' self biss sal-limitu ta' dak misluf, u warrbet is-somma reklamata mill-attur b'titolu ta' nteressi li rriżultaw anatoċistiċi[50]. Aktar 'il quddiem, fis-sentenza ***Negte. Pollacco vs. Galdies*** (Kummerċ, 29/10/1896)[51], ġie ritenut li ftehim t'użura ma jeħlisx lill-mutwatarju milli jħallas l-interessi li huma leċiti. Fl-istess sens hija d-deċiżjoni ***Antonio Desira vs. Giovanni Gaffarena*** (Prim'Awla, 4/2/1936)[52]. Hekk ukoll fid-deċiżjoni ***Carmelo Camilleri vs. Neg. Giuseppe Cassar Reynaud et*** (Kummerċ, 10/1/1935)[53] il-Qorti annullat biss dik il-parti mill-ftehim konsistenti mill-użura, u ħalliet il-ftehim jiswa għall-kumplament tiegħu. U l-istess intqal fid-deċiżjoni ***Taddeo Camilleri vs. Giuseppa Galea*** (Kummerċ, 22/4/1950)[54]: «*...illi l-użura ma tipprivax il-mutwant mid-dritt li jieħu l-interessi leċiti*».

41. Il-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni ***Lorenza Bellia vs. Carmelo Zammit et*** (18/6/1945)[55] għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

> Il-konvenzjoni affetta b'użura hija, għal dak li jirrigwarda l-użura, nulla b'mod assolut, jiġifieri ineżistenti, billi llecita għaliex projbita mil-liġi...; u hija illeċita fir-rigward tal-mutwant... Għalhekk is-somma mħallsa bħala użura għandha tiġi restitwita lil min ħallasha, u ma tista' qatt tifforma oġġett ta' obbligazzjoni naturali

42. U aktar riċentement, fid-deċiżjoni ***John Baptist Zammit vs. John Grech***[56] intqal: «*Din il-Qorti lanqas ma taqbel mal-appellant illi l-iskrittura għandha titqies intrinsikament illeċita għall-fatt tal-indikazzjoni ta' rata ta' interessi in eċċess ta' dak sanzjonat mil-liġi. Ibda biex l-attur appellat illimita ruħha biex jiddomanda biss il-ħlas tal-bilanċ tas-self u mhux ukoll ta' l-interessi dettaljati fl-iskrittura. Anke kieku pero' l-iskrittura kellha titqies illeċita, u allura nulla, dan ma jfissirx li self ma kienx hemm. Li s-self sar*

[49] Kollezz. Vol.III.15.
[50] Hekk ukoll sar fid-deċiżjoni ***Avukat Dr Alfredo Mercieca noe vs. John Cole et*** (Prim'Awla, 27/6/1939 – Kollezz. Vol.XXX.ii.288).
[51] Kollezz. Vol.XV.583.
[52] Kollezz. Vol.XXIX.ii.962.
[53] Kollezz. Vol.XXIX.iii.67.
[54] Kollezz. Vol.XXXIV.iii.802.
[55] Kollezz. Vol.XXXII.i.263.
[56] Appell Inferjuri, 28/4/2004. Ċitata b'approvazzjoni fil-kawża ***Gaetano Abdilla et vs. Joseph Gauci et*** (Appell Superjuri, 24/6/2011).

*huwa aċċettat u anke ammess mill-istess appellanti*». Wara kollox, kif anki ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell fil-kawża ***Antonio Cassar noe vs. Boris Arcidiacono***[57]:

> Hu pertinenti f'dan l-istadju li jiġi sottolineat illi mhux kull dikjarazzjoni skorretta jew inveritiera, anke jekk volontarja u ntiża biex b'xi mod tqarraq fi skrittura li toħloq obbligazzjonijiet, tirrendi dik l-iskrittura b'kawża illeċita u allura tirrendiha nulla u bla effett fil-liġi. Hi l-obbligazzjoni nfisha li trid tkun illeċita, ipprojbita mil-liġi, kuntrarja għall-għemil xieraq jew għall-ordni pubbliku. Il-fatt biss li għal raġunijiet tagħhom il-kontraenti jagħmlu konxjament fil-kuntratt dikjarazzjonijiet li ma jkunux veritieri għal skop ta' vantaġġ imma li ma jolqtux il-kawża ta' l-obbligazzjoni nfisha ma jirrendux lil dik l-obbligazzjoni bla ebda effett.

43. Fil-fehma tal-Qorti, il-konsegwenza għal sejbien li negozju ġuridiku huwa afflitt minn pattijiet użuraji m'hijiex in-nullità assoluta ta' dak in-negozju b'mod li jitqies li dak in-negozju qatt ma sar, iżda l-għoti ta' provvedimenti li jwasslu għalbiex jitqies li l-patt tal-użura qatt ma sar. Anki l-ġurisprudenza ċitata mill-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu issostni li n-nullità konsegwenzjali għall-użura tirriżulta «*għal dak li jirrigwarda l-użura*». In-negozju ġuridiku tal-partijiet jiġi għalhekk ridimensjonat bħallikieku qatt ma seħħet l-użura, u b'hekk l-imgħax impost in eċċess tal-limitu permissibbli jitwarrab iżda jibqa' dovut l-imgħax fil-limitu permess; fl-istess ħin, il-ħlas li sar fil-konfront t'imgħax eċċessiv jiġi minflok imputat lill-kapital, u konsegwentement jekk il-ħlas jirriżulta li sar in eċċess anki tal-kapital, isegwi għalhekk illi l-mutwatarju għandu l-jedd li jiġi rifuż l-eċċess imħallas.

44. Din il-konklużjoni tal-Qorti mhux imxejjna mid-deċiżjoni ċitata mill-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu fl-ismijiet ***Paul Pisani et vs. Emanuel Custo et*** (Appell Superjuri, 2/12/2005). F'dak il-każ, il-Qorti kienet affrontata b'azzjoni meħuda mid-debitur in kontestazzjoni ta' azzjonijiet oħrajn meħuda mill-mutwanti sabiex jeżegwixxu l-kreditu anatoċistiku tagħhom. Il-Qorti għalhekk annullat is-subbasta istitwita mill-mutwanti wara li sabet li l-kreditu vantat minnhom kien dovut biss bis-saħħa tal-użura. Fil-każ odjern, l-attur diġà ħallas u għalhekk ir-rimedju tiegħu m'huwiex li jannulla l-ħlas magħmul minnu u l-atti eżekuttivi jew is-sentenzi mogħtija

[57] Appell Superjuri, 5/10/1998 – Kollezz. Vol.LXXXII.ii.734.

b'rabta jew b'konsegwenza ta' dak il-ħlas, iżda li jiġi rifuż lilu dak li huwa ħallas in eċċess tal-obbligazzjoni tiegħu. Kif ritenut mill-Imħallef Paolo Debono fid-deċiżjoni ***Farrugia vs. Galdies*** (Kummerċ, 27/2/1896)[58]:

> Che quando l'usura è provata una duplice guarantigia protegge il debitore: dall'un canto il creditore non ha azione per costringerlo al pagamento degli interessi eccedenti la ragione legale; dall'altro il debitore ha ragione per la restituzione degli interessi usurari già pagati, e può imputare l'eccesso a diminuzione del capitale

45. Fi kliem ieħor, ir-rimedju li kellu l-attur huwa dak li huwa esperixxa permezz tal-kawża bin-numru 42/2016, u li huwa ċeda għal raġunijiet tiegħu, anki jekk bir-riservi li huwa dehrlu li kellu jagħmel.

46. Għalhekk it-tieni u t-tielet talbiet tal-attur ma jistgħux jintlaqgħu.

47. Tista' u għandha madanakollu tiġi milqugħa l-ewwel talba tal-attur, peress li din il-Qorti diġà sabet li hija minnu l-kontenzjoni tiegħu li d-diversi mutwi li seħħew bejn il-kontendenti kienu jikkontjenu stipulazzjonijiet anatoċistiċi minkejja li l-kitba magħmula kienet turi mod'ieħor, u għalhekk tirriżulta s-simulazzjoni relattiva fihom.

48. L-akkoljiment tal-ewwel talba għandha b'hekk isservi lill-attur bħala bażi sabiex jipproponi ġudizzju ieħor għal-likwidazzjoni ta' dak imħallas minnu lill-konvenuti in eċċess tal-limitu permissibbli mil-liġi, liema eżerċizzju però ma jistax isir fil-kawża odjerna minħabba li ma ntalabx, u billi kif inhu risaput, il-Qrati Superjuri għandhom joqgħodu rigorożament mat-termini tal-att promotur u ma jistgħux jitqiesu kawżali jew talbiet ħlief dawk effettivament dedotti. Prinċipju dan li huwa kristallizzat permezz ta' ġurisprudenza kostanti (ara per eżempju ***Joseph Mary Farrell vs. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud***, Appell Superjuri, 24/6/2011; ***World Marketing Services Limited vs. Lift Services Limited et***, Appell Superjuri, 26/1/2022).

49. Għal dawn ir-raġunijiet għalhekk il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

[58] Kollezz. Vol.XV.411.

(i) tiċħad l-ewwel, it-tieni u l-ħames eċċezzjonijiet tal-konvenuti;

(ii) tiċħad it-tielet eċċezzjoni tal-konvenuti dwar il-preskrizzjoni taħt l-artikolu 1222 tal-Kodiċi Ċivili;

(iii) tilqa' r-raba' eċċezzjoni tal-konvenuti;

(iv) tilqa' l-ewwel talba tal-attur u għalhekk tiddikjara u tiddeċiedi illi l-kuntratti kollha ta' self bejn il-kontendenti imsemmija f'din il-kawża, inkluż l-atti ta' kostituzzjoni ta' debitu tad-9 ta' Marzu 2004, fl-atti tan-Nutar Paul Pullicino u dak tal-25 ta' Mejju 2009, fl-atti tan-Nutar Philip Lanfranco, huma lkoll atti simulati billi ma jirriflettux l-intenzjoni vera u proprja tal-kontendenti, li kienet self b'rata ta imgħax li teċċedi dik legali u kwindi self b'użura;

(v) tiċħad madanakollu t-tieni u t-tielet talbiet tal-attur;

(vi) tordna li l-ispejjeż tal-kawża, fiċ-ċirkostanzi, jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-kontendenti.

Jibqa' riżervat favur l-attur kull dritt t'azzjoni spettanti lilu kontra l-konvenuti *si et quatenus* għal dak minnu mħallas in eċċess tal-limitu mpost mil-liġi.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Deputat Reġistratur